**Laqgha Numru 17/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Sbatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar il-Hamis 4 ta' Dicembru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-7.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Joe Brincat kien skuzat.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-28 ta' Novembru 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2008.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2008.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Konġunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Soċjali.**

**09. L-Organizazzjoni ta' Konferenza ta' l-ECAD fis-sena 2010.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2008.

1.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 16/K6/2008 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2008.

**46/4946/08/I** 22/10/2008 — E-mail minghand is-Sur James Davies fejn irringrazzja lis-Sindku ghall-laqgha li saret mieghu nhar l-Erbgha 22 ta' Ottubru dwar sea cadet corps u nforma l-Kunsill li hija x-xewqa taghhom li jippromwovu l-ghaqda taghhom liz-zghazagh tal-lokal biex jekk ikunu nteressati jinghaqdu maghhom.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 15/K6/2008 item 6.06 u ghall-korrispondenza numru **46/4946/08/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien informa lill-Kunsill li l-ittri biex nippromwovu din l-idea lill-gemellati taghna ghada ma saritx u anticipa li ser isiru fil-jiem li gejjien, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn ghadhom ma sarux u jispera li jsiru matul il-jiem li gejjien. Il-kelliem qal l'intant Pembroke Dock infurmaw lill-Kunsill li ghamlu dan il-kuntatt skond korrispondenza riferenza 46/5683/08/I.

**46/5015/08/I** 27/10/2008 — E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'riferenza ghall-Urban Improvement Funds informa l-Kunsill li ghamel komunikat mal-MEPA u nfurmawh li m'humiex f'pozizzjoni li jbidlu xi materjal li hemm fl-agreement sabiex jigu uzati biex isir railing mad-dawra tal-gnien.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 15/K6/2008 item 6.14 u ghall-korrispondenza numru **46/5015/08/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill biex parti mill-fondi jintuzaw halli jsir ir-railings madwar il-gnien skond kif mitlub mill-insurance ma gietx milqugha u ghalhekk kien ippropona biex immedjatament jibda l-process biex tinhareg talba ghal servizz ta' xoghol fil-Gnien Madre Tereza ta' Kalkutta skond dak il-kuntratt li l-Kunsill iffirma mal-MEPA u dan skond ir-rapport li kien ipprepara l-perit tal-Kunsill kif ukoll fejn dwar ir-railing il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li dan ix-xoghol jidher li jista' jsir mill-haddiem tal-IPSL u ghalhekk ippropona li jinxtara l-materjal li hemm bzonn, is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li s-sejha ta' l-offerti ghandha tinhareg wara l-festi.

2.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu ngabru kwotazzjonijiet ghall-provvista ta' hadid.

**46/5180/08/I** 06/11/2008 — E-mail minghand il-Melita Football Club is-Sur Robert Balani fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill informa l-Kunsill li huma nteressati li jwahhlu xi tabelli li jwasslu sal-klabb.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 15/K6/2008 item 6.61 u ghall-korrispondenza numru **46/5180/08/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien informa lill-Kunsill li jidher li kienu dawn biss li wiegbu ghall-ittra tal-Kunsill kif ukoll kien qal li matul il-jiem li gejjien kemm huwa kif ukoll is-Sindku Joe Zammit ser jisthargu l-ahjar mod kif il-Kunsill ghandu jimxi fuq dak li diga kien hemm qbil fuqu, is-Sindku Joe Zammit qal li dan kien ghadu ma sarx.

**46/5345/08/I** 13/11/2008 — Kwotazzjoni riveduta minghand Golden Gate ghall-istampar ta' kartolini bil-kulur ghall-prezz ta' € 362.25.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 15/K6/2008 item 6.90 u ghall-korrispondenza numru **46/5345/08/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni kif emendata, li jintghazlu t-tpingijiet ta' Aldo Minuti u Phillip Engelbert li jattendu l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo kif ukoll li dawn iz-zewgt itfal jinghataw rigal ta' tifkira li jikkonsisti minn biljett ghall-attivita' tal-Milied ghat-tfal kif ukoll ritratt ta' l-arlogg ta' Pembroke fi frame, is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn it-tfal jinghataw dawn it-tifkiriet wara l-party li ser isir ghat-tfal fil-Milied.

2.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5374/08/I** 14/11/2008 E-mail minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn informaw lill-Kunsill bl-iskema ta' tnaqqis fl-ispejjez ghall-konsum ta' l-elettriku lil dawk l-organizazzjonijiet li jzejnu t-toroq b'dawl dekorattiv ghall-Milied.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 15/K6/2008 item 6.97 u ghall-korrispondenza numru **46/5374/08/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill johrog direct order, sabiex jekk huwa possibbli isir tizjin ghall-Milied madwar il-Kunsill u faccata tal-Knisja kif ukoll li l-Kunsill jitlob lill-Pembroke Hardware Store sabiex jipprovdi stima sabiex isir fustun tul Triq Normandy li jkun water proof inkluz stima ghall-installazzjoni tieghu kif ukoll li kien qal li ghat-tizjien tal-Milied, il-kuntrattur li jitqabbad ghandu japplika ghall-arlogg tad-dawl mal-Korporazzjoni Enemalta, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntrattur li fil-passat hadem lill-Kunsill ma kienx qed jaghmel dan ix-xoghol kif diga gie kkomunikat lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li l-PHS kien ipprovda kwotazzjoni ghall-fustun.

**46/5397/08/I** 17/11/2008 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn baghat il-Minuti tal-laqgha li saret ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke li saret nhar it-Tnejn 3 ta' Novembru 2008.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 15/K6/2008 item 6.107 u ghall-korrispondenza numru **46/5397/08/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li kien ser jikkomunika mas-Sindku Joe Zammit dwar il-proposta ta' l-istess ghaqda li ghandu jkun il-Kunsillier responsabbli mill-anzjani li jkun il-President onorarju ta' l-ghaqda u mhux min ikun Sindku u dan fid-dawl li kien huwa li huwa responsabbli mid-dikasteru ta' l-anzjani.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 15/K6/2008 item 10.10 fejn il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li hija flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u jekk jixtieq il-Kunsillier Joe Brincat imorru jaraw l-uniformijiet tal-kumpanija Eagle K-Wear, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li dan kien ghadu ma sarx minhabba mpenji ohra izda ghandu jsir fil-jiem li gejjien.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 77/2008** kopja riveduta tal-minuti tal-Bord ta' l-Għażla rigward Tenders 01, 02, 03, 04, 05, 06/08 u Kwotazzjoni 08, 09, 10, 11 u 12/08 **(li giet annessa mal-Minuti precedenti); Internal Memo 81/2008** Lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 16/K6/2008 u 17/K6/2008 **(Ara dokument A); Internal Memo 82/2008** Rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 16/K6/2008 u 17/K6/2008 **(Ara dokument B) u** Rapport ta' Performance Appraisal ta' l-iskrivana Kirsty Rizzo ghax-xahar ta' Ottubru **(Ara Appendici C).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit irreferi ghall-artiklu miktub mill-Kunsillier Lauro Fava fuq **il-Mument** fejn ghamel kritika ghall-mod kif twarrab mis-Sindku ghax ma inghatax dikasteru. Il-kelliem fakkar lis-Sur Lauro Fava li kif kien qal fl-ewwel diskors tieghu

meta kien qassam id-dikasteri, li huwa kien ha l-idea mill-Prim Ministru li ghandu Segretarji Parlamentari jghinuh fix-xoghol specjalment dawk godda fil-parlament. Huwa qal li kien ghamel l-istess fejn il-Kunsillier Lauro Fava suppost qed jassisti lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fid-dikasteri taghha. Is-Sindku Joe Zammit qal li jekk mhux qed ikun ta' ghajnuna jew wens dan tista' biss tissosstanzjah il-Kunsillier Vella Brincat. Il-kelliem qal li jekk il-Kunsillier Vella Brincat thoss li tista' tghaddilek xi responsabilita' li ghandha assolutament ghalik tista' taghmel dan bhal m'ghamel il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli xi gimghat ilu meta ghadda r-responsabilita' assoluta ta' l-ambjent lill-Kunsillier Joe Brincat, li bhalu nghata li jassisti lill-Vici Sindku. Is-Sindku Joe Zammit qal li naturalment, jekk Alla jrid, kif ukoll ix-xewqa tal-poplu ta' Pembroke jerga' jafdak biex tkun Kunsillier f'dan il-Kunsill, allura mbghad ikollok aktar esperjenza tal-Kunsill u pretenzjoni ta' xi dikasteru ghalik. Is-Sindku Joe Zammit qal li ghalhekk ghall-beneficcju tal-qarrejja tieghek u per kortezija kien qed jistenna li tikteb xi haga fil-harga li jmiss tal-gurnal il-Mument u issemmi dawn il-fatti.

4.03. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-artiklu li qed issir riferenza ghalih ma kienx inkiteb minnhu izda kien rapport ta' dak li huwa kien qal. Il-kelliem qal li r-responsabilita' ta' l-ghoti tad-dikasteri hija f'idejn is-Sindku Joe Zammit u mhux taht il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li hemm Kunsilliera ohra f'Kunsilli ohra li huma izghar minnu fl-eta' li nghataw responsabilita' ta' dikasteri.

4.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li hemm bzonn li d-dikasteri jigu riveduti peress li jista' jaghti l-kaz li hemm responsabilitajiet li huma differenti u ghalhekk ikun hemm tqassim ahjar.

4.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien qed jilqa' dan is-suggeriment u ser jahseb dwaru.

4.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li kellu laqgha ma' l-Inginier l'ingagga l-Kunsill li lesta it-tender ghad-dawl f'Sit F kif kien miftiehem mad-Dipartiment tal-Housing. Il-kelliem qal li ladarba l-Kunsill jigi awtorizzat mid-Dipartiment, it-tender jigi diskuss mill-Kunsill sabiex eventwalment tkun tista' tohrog is-sejha pubblika.

4.07. Is-Sindku Joe Zammit qal li saru numru ta' laqghat ma' l-anzjani li kienu mahtura fil-laqgha li saret apposta biex jinhatar kumitat ta' azzjoni biex jifforma Kumitat u Statut ta' l-Ghaqda. Il-kelliem qal li prezenti ghal dawn il-laqghat kien hemm ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-21 ta' Novembru u l-4 ta' Dicembru 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/5094/08/I**<br>03/11/2008 | Rapport minghand l-Ghassa tal-Pulizija San Giljan dwar vandalizmu li sehh fuq diversi tabelli f'Pembroke minn grupp ta' zghazagh. |

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5094/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kien f'waqtu l-intervent tal-pulizija li qabdu lil min ghamel dan il-vandalizmu

ghalkemm mhux lil kulhadd. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li saret works order biex jigu rrangati u jehlu t-tabelli li garbu hsara. Il-kelliem qal li dan kollu sar wara li l-persuni li gew akkuzati tresqu l-Qorti b'urgenza u huma ammettew li kienu parti minn grupp ta' 20 persuna l'izda huma kienu ghamlu hsara biss fuq tlett tabelli, liema verzjoni giet accettata u ghalhekk gew mitluba jhallsu ghal 3 tabelli biss.

**46/5101/08/I** 03/11/2008 E-mail minghand l-Ing. Reuben Mifsud li joqghod fi Trejqet il-Beatu Dun Gorg Preca fejn irringrazzja lill-Kunsill ta' l-ittri li nibghatu sabiex inzommu lir-residenti nfurmati u baghat lista ta' affarijiet pendenti li hemm f'Sit D fejn talab lill-Kunsill jiehu nota taghhom.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5101/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibghat kopja ta' l-ittra lid-Dipartiment tad-Djar kif ukoll lill-Ministru koncernat. Il-kelliem qal li kien gie mitlub ukoll biex issir talba permezz t'ittra lir-residenti li joqghodu bejn Triq l-Imhallef William Harding u Triq il-Kurunell Cocks sabiex id-dawl jehel mal-propjeta' taghhom fuq wara li jigi fi Triq il-Kurunell Cocks. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob il-kunsnes tar-residenti u eventwalment jintalab il-permess tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex jekk jigu approvati jkunu jistghu jitwahhlu 3 lampi fi Triq il-Kurunell Cocks.

6.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5173/08/I** 06/11/2008 Kopja ta' l-e-mail li s-Sindku Joe Zammit ircieva minn Rada Lukic (Vici Sindku) minn Sarajevo fejn infurmawh li l-ahhar gimgha ta' Novembru huwa zmien tajjeb biex issir iz-zjara u nformawh ukoll li l-eqreb airport ghal Sarajevo huwa via Vienna jew Munich u talbu konferma kemm jista' jkun malajr sabiex ikunu jistghu jibbukjaw il-lukanda.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5173/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li ma jistax jaghmel din iz-zjara ghalissa minhabba mpenji tax-xoghol izda minnaha l-ohra talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jekk jinstab ic-cans, din iz-zjara issir. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-ispejjez ghal din il-mawra ser jithallsu minnhu personalment.

**46/5460/08/I** 21/11/2008 Ittra minghand The Phsically Handicapped Rehabilitation Fund fejn talbu donazzjoni ghall-fondazzjoni minghand il-Kunsill.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5460/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk l-ghaqda taqa' taht skeda tmienja nipproponi li jinghataw € 60.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5464/08/I** 21/11/2008 Ittra minghand il-BOV fejn baghtu proposta lill-Kunsill biex il-BOV flimkien mal-kampanja 34U jizirghu 50 sigra fil-lokal.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5464/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li din l-attivita' saret u attendiet ghall-attivita' l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsilliera l-ohra kienu skuzati minhabba xoghol.

**46/5465/08/I** 21/11/2008 Ittra minghand Kunming Foreign Affairs & Overseas Chinese Affairs Office fejn irringrazzjaw lill-Kunsill ta' l-informazzjoni li baghtna fuq il-lokal

u nformaw lill-Kunsill li l-proposta sabiex jistabilixxu ftehim ta' Hbiberija giet approvata mill-Gvern Centrali Ciniz u staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp minnaha taghna u jekk gie approvat qed jistiednu delegazzjoni mill-Kunsilll izzur Anning sabiex jigi ffirmat il-ftehim.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5465/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li rigward din il-materja hemm ittra mid-dipartiment kif ukoll risposta mill-Kunsill li ghad ma saret l-ebda risposta ghaliha u ghalhekk f'dan l-istadju ppropona li l-Kunsill jinforma lil Anning li mhux possibbli li z-zjara issir qabel ma jkollna risposta cara minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u li fil-kaz issir f'April 2009 meta tibda sena finanzjarja gdida u dan sakemm ma jkunx hemm xi sponsors ghal din il-mawra qabel.

6.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.13. Il-mozzjoni ghaddiet bi tlett voti favur u wiehed kontra.

6.14. Kien f'dan il-mument li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat gibdet l-attenzjoni tal-Kunsillier Lauro Fava li flimkien maghha kien kontra din il-materja ta' relazzjoni ma belt fic-China fil-laqghat precedenti meta tressqet ghall-approvazzjoni quddiem il-Kunsill

6.15. Fil-pront il-Kunsillier Lauro Fava irrimarka li ma kienx fehem ezatt l-ispirtu tal-proposta tas-Sindku u li vvota ghall-parti fejn qed tintalab konferma tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

6.16. Is-Sindku Joe Zammit gibed l-attenzjopni tal-Kunsillier Lauro Fava li il-proposta tas-Sindku hija cara u jidher li is-Sur Lauro Fava ma jkunx attent x'ikun ghaddej fil-laqgha u ghamel "Lapsus".

6.17. Il-Kunsillier Lauro Fava talab biex jerga jittiehed vot ghax huwa veru li kien ivvota kontra li jkun hemm relazzjoni ma' belt Ciniza.

6.18. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-vot ittiehed u huma mumenti bhall dawn li l-Kunsillier Lauro Fava ghandu joqghod attent u mohhu hemm x'qed jigri fil-Kunsill ghax jidher li ma jkunx cert x'hinu ghaddej bhal meta gibet l-attenzjoni tas-Sindku fil-bidu ta' din il-laqgha qabel ivvota fuq il-Minuti biex jarhom ftit meta dawn kienu ghand kullhadd kwazi gimgha qabel

6.19. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li jhoss li ghandu jerga' jittiehed il-vot minhabba li ma fehemx il-mozzjoni tas-Sindku sewwa.

6.20. Is-Sindku Joe Zammit qal li il-vot kien ittiehed fuq dak miktub u ma jarax ghalfejn ghandu jithassar.

6.21. Il-kunsillier Lauro Fava insista li ghandu jerga jittiehed vot u qam mil-laqgha biex jitlaq ghax irrimarka li dan mhux sewwa.

6.22. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-attegjament tal-Kunsillier Lauro Fava mhux sew u jidher car li ma jkunx qieghed attent jew x'qed jigri fil-Kunsill. Il-kelliem qal li mhux lest jara il-hidma tal-Kunsill tieqaf u talab lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli biex jaccettaw li jerga' jittiehed il-vot.

6.23. l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli accetta u irrimarka li qed isir dan flimkien mas-Sindku Joe Zammit biex tirrenja il-paci fil-Kunsill

6.24. Il-mozzjoni tas-Sindku kif miktuba taht korrispondenza 46/5465/08/I regghet tresqet ghall vot.

6.25. Il-Mozzjoni kella rizultat ta' parigg billi tnejn ivvutaw favur (is-Sindku u l-Vici Sindku) u tnejn kontra. (Il-Kunisllier Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat).

6.26. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

6.27. Il-mozzjoni giet approvata.

**46/5469/08/I** 21/11/2008 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bis-suggeriment li rcievew mill-pubbliku mis-Sur Joe Grech li joqghod Dr B, Flt 5, Triq Juno Pembroke fejn talab biex issir aktar ronda mill-pulizija jew mill-gwardjani lokali sabiex jinqata' l-vandalizmu u l-abbuz mill-lokal.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5469/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5472/08/I** 21/11/2008 E-mail minghand is-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn talab biex min ghadu ma baghatx l-informazzjoni ghal fuq il-website ghandu jaghmel dan sa nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2008.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5472/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.30. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-informazzjoni mitluba kienet diga ntbaghtet lura fid-29 t'Ottubru 2008.

**46/5476/08/I** 21/11/2008 E-mail minghand il-Magister Academy fejn baghat kopja ta' l-e-mail li rcieva mid-delegazzjoni ta' l-iskejjel minn Roccalumera dwar iz-zjara u nforma l-Kunsill li huma jistghu iwiegbu mill-mistoqsijiet li baghtu u staqsa x'ser jaghmlu dwar l-ispejjez u x'se jikkwotaw.

6.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5476/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Magister Academy biex tikkwota kollox minnaha taghhom.

6.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5534/08/I** 25/11/2008 E-mail minghand Comune di Roccalumera fejn baghtu kopja tar-rapport li qed jipproponu ghall-mawra minn studenti skolastici u talbu nibghatu kopja lill-iskola ta' Sir Adrian Dingli biex jekk iridu l-iskola jaghtu l-proposti taghhom biex isir l-istess ma' studenti Maltin u talbu naghtu kopja tieghu lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5534/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5491/08/I** 24/11/2008 E-mail minghand il-MEPA fejn baghtu l-Agenda DCC datata 4 ta' Dicembru 2008 PA00954/08 – 269, Helios, Triq F.X. Caruana, Pembroke – Change of use of part of basement level from garage to beauty salon (class 4) to lower floor level fo salon (total internal of 10crs) and shop sign - Recommended to Refuse Permission.

6.35. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5491/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5493/08/I** 24/11/2008 **46/5497/08/I** 24/11/2008 E-mail minghand il-MEUSAC dwar stedina lill-Kunsilli u l-postijiet li ghandna gemellagg maghhom sabiex jippartecipaw fil-konferenza li ser issir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2009 dwar 'Zooming on Sustainability - MEUSAC European Funding Programme.

**46/5615/08/I** 28/11/2008 Ittra minghand il-Comune di Roccalumera fejn baghtu l-ittra t’interess sabiex jippartecipaw fil-konferenza organizzata mill-MEUSAC li ser isir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2009.

**46/5661/08/I** 01/12/2008 **46/5683/08/I** 01/12/2008 E-mail minghand Pembroke Dock Town Council fejn b'riferenza ghall-istedina li baghtna ghall-konferenza organizzata mill-MEUSAC bejn t-13 u l-15 ta' Mejju 2009 baghat l-ismijiet ta' 5 delegati li huma nteressati u nforma l-Kunsill li qed jirrenga sabiex jibghat l-applikazzjoni minhabba li l-ghandhom il-fax bil-hsara u nforma l-Kunsill li jinsabu fil-process li jaghmlu twinning agreement bejn il-Malta Sea Cadets Corps u l-Pembroke Dock Sea Cadets.

6.36. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5493/08/I, 46/5497/08/I, 46/5615/08/I, 46/5661/08/I u 46/5683/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li Roccalumera u Pembroke Dock urew interess f’din l-attivita’ u baghtu l-applikazzjoni.

6.37. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-MEUSAC infurmaw lill-Kunsill (Skrivana Alison Micallef) permezz tat-telefon li l-applikazzjoni ta’ Pembroke Dock waslet tard u wisq probabbli mhux ser tkun ikkunsidrata.

**46/5500/08/I** 24/11/2008 Stedina minghand il-Malta Institute of Management lill-membri tal-Kunsill ghall-bibita tal-Milied nhar l-Erbgha 10 ta' Dicembru 1008 fis-7.30pm gewwa l-ufficini taghhom.

6.38. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5500/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

***6.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ddikjara li kellu nteress pekunarju fiz-zewg kwotazzjonijiet li kienu ser jigu diskussa u talab li jigi skuzat u fl-10.05 pm halla l-kamra***

**46/5506/08/I** 24/11/2008 Kwotazzjoni minghand is-Sur Carmel Mazzitelli ghall-qlugh ta' zewg palmiet mejta ghall-prezz ta' €700 inkluz il-VAT.

6.40. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5506/08/I** is-Sindku Joe Zammit fin-nuqqas tal-Kunsillier li huwa responsabbli mill-ambjent ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni.

6.41. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.42. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li ghalkemm huwa kien jaqbel fil-principju li jsir il-qlugh tal-palm, fuq parir li kien ha rrakkomanda li l-Kunsill ghandu jiddiskuti malajr kemm jista’ jkun dan il-process mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

6.43. Is-Sindku Joe Zammit fakkar li din il-materja kienet diskussa u approvata fl-ahhar laqgha li saret u kull jum li jdum ma tittiehed azzjoni tfisser li l-bumunqar itir ghall-palmi ohra.

6.44. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

6.45. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/5507/08/I** 24/11/2008 Kwotazzjoni minghand is-Sur Shawn Farrugia ghall-qlugh ta' tlett palmiet mejta ghall-prezz ta' €1,050 inkluz il-VAT.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5507/08/I** is-Sindku Joe Zammit fin-nuqqas tal-Kunsillier li huwa responsabbli mill-ambjent ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni.

6.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

***6.49. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega' dahal fil-kamra fl-10.10 pm u kompla fil-laqgha.***

**46/5525/08/I** 25/11/2008 E-mail minghand il-Kullegg Santa Klara is-Sur Carmel Sciberras fejn baghat site plan immarkata fejn qed jipproponu li jsiru r-rampi fi Triq Martin Luther King.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5525/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex issir din ir-road hump bit-tarmak.

6.51. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li sabiex issir road hump hemm bzonn il-permess tad-Direttorat Immanigjar tat-Traffiku fi hdan l-ADT.

6.52. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat li dawn isiru wara li jinkiseb il-permess ta' l-ADT.

6.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5531/08/I** 25/11/2008 E-mail minghand il-MEPA fejn baghtu lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA05354/08 – Renewal of outline permit PA810/01 (Proposed Tourism Complex) – Mr. Tony Zahra, White Rocks, Triq Sant'Andrija / Triq is-Salini (Coast Road), Pembroke.

6.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5531/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5535/08/I** 25/11/2008 E-mail minghand il-Golden Gate Co. Ltd. fejn baghat proof tal-kalendarju u talab l-opinjoni tal-Kunsill.

6.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5535/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova dan l-artwork.

6.56. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5571/08/I** 26/11/2008 E-mail minghand l-Ambaxxata Amerikana fejn talbet biex il-laqgha li kienet ser issir fis-16 ta' Dicembru tigi posposta ghal nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar fit-3.00pm gewwa l-Kunsill.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5571/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsilliera li dan huwa kaz ta' laqghat li mhux possibbli li jsiru fil-ghaxija u ghalhekk it-talba saret biex issir fit-3.00 pm.

6.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-laqgha jidher li mhux ma l-ambaxxatrici ser issir ghalhekk jista' jkun li l-istaff taghha jiltaqghu mal-Kunsilliera filghaxija. L-istess hsieb esprimieh il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

6.60. Ghalhekk is-Sindku Joe Zammit rega' ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Ambaxxata sabiex din il-laqgha jekk huwa possibbli ssir wara s-6.30 pm minhabba li l-Kunsilliera jixtiequ li jattendu.

6.61. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5573/08/I**
27/11/2008
Ittra minghand is-Sinjorina Faye Marie Gauci Grech fejn informat lill-Kunsill li hija studenta tal-Junior College u bhala parti mill-kors ta' Systems of Knowledge tixtieq li taghmel xoghol volontarju mal-Kunsill.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5573/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill bhal ma' sar ma' studenti ohra minn Pembroke tkun milqugha t-talba ta' din.

6.64. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5584/08/I**
27/11/2008
E-mail minghand is-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn informaw lill-Kunsill li gie maghzul ghall-ezercizzju ta' street classification for Urban Conservation Areas u stiednu l-Kunsill ghal prezentazzjoni li ser issir nhar il-Gimgha 12 ta' Dicembru 2008 gewwa l-Golden Tulip Vivaldi f'San Giljan fid-9.00 am.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5584/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien ser jattendi ghal dan is-seminar.

**46/5602/08/O**
27/11/2008
**46/5637/08/I**
27/11/2008
Fuq talba tas-Sindku Joe Zammit il-Kunsill talab kwotazzjoni minghand il-Golden Gate Co. Ltd. ghal timbru ghall-Ghaqda Anzjani Pembroke.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5602/08/O u 46/5637/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li din kienet ix-xewqa ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke u li ghaliha attendew il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsilliera Joe Brincat kif ukoll Evelyn Vella Brincat li halliet il-kamra kmieni minhabba mpenji ohra. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jixtri dan it-timbru ghal din l-ghaqda.

6.68. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5603/08/I**
27/11/2008
E-mail minghand Westin Dragonara Resort fejn informaw lill-Kunsill li nhar l-Gimgha 12 ta' Dicembru ser jorganizzaw numru t'attivitajiet u talbu l-permess tal-Kunsill biex juzaw l-Ex Parade Ground biex jipparkjaw numru ta' karozzi fejn ser jorganizzaw shuttle service mill-Parade Ground sal-lukanda.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5603/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li skond ir-regolament m'hemmx ghalfejn permess mill-Kunsill ghall-parking ta'

karozzi izda xorta wahda per kortezija dan talab lill-Kunsill ghall-permess. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona biex jinghata l-permess bil-kundizzjoni li jinzamm responsabbli ghal xi hmieg jew skart li jista' jithalla mis-sewwieqa kif ukoll ghal xi storbju li jista' jkun hemm apparti li ghandhom jipprovdu parking attendant. Il-kelliem qal li huwa kien talabhom ghal sponsor ta' ikel sabiex jintuza waqt l-attivita' ta' l-anzjani. Is-Sindku Joe Zammit ippropona ukoll li jipprovdu Gwardjan Lokali ghas-spejjez taghhom sabiex jara li jigu osservati l-ligijiet kif ukoll sabiex ma jithallewx jipparkjaw vetturi quddiem Blokk 7.

6.71. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.73. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li talba tas-Sindku Joe Zammit ma kienetx giet milqugha mill-Lukanda Westin Dragonara Resort izda offrew li jaghtu kwotazzjoni.

**46/5614/08/I** 28/11/2008 Ittra minghand id-Dipartiment ghal Sahha Ambjentali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar impestazzjoni ta' grieden fi Triq ANZAC informaw lill-Kunsill li sar trattament kontra l-grieden fis-16 ta' Ottubru u fis-6 ta' Novembru 2008 madwar il-fence li jdawwar il-propjeta' tal-Plant Troop tal-Forzi Armata u dan l-ilment ser ikompli jigi segwiet fil-gejjieni.

6.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5614/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li huwa kien informa ukoll lir-residenti koncernati.

**46/5616/08/I** 28/11/2008 E-mail minghand Golden Gate Co. Ltd. fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jibdew jipprintjaw il-kartolini.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5616/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova dan l-art work.

6.76. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5619/08/I** 28/11/2008 E-mail minghand l-Istrina 2008 Team fejn talbu l-permess mill-Kunsilli Lokali biex minn nhar it-Tnejn l-1 ta' Dicembru ikunu jistghu jipparkjaw fuq postijiet riservati u double yellow lines minghajr ma' jaqalghu citazzjonijiet minhabba li ser ikunu qed iduru madwar Malta biex jigbru rigali ghall-Istrina.

6.78. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm il-gest huwa genwin u ghall-kawza gusta fl-istess hin fl-opinjoni tieghu l-Kunsill ma kellux dritt jaghti koncessjoni sabiex ma jigux osservati r-regolamenti tat-traffiku.

6.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5619/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma japprovax din it-talba.

6.80. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.81. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5564/08/I** 26/11/2008 Ittra minghand is-Sur Selvagi fejn qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex ikunu jistghu jaghmlu Equine Treasure Hunt f'partijiet mill-lokal, f'liema treasure hunt ser jintuzaw iz-zwiemel. Din l-attivita' ser issir b'risq l-Istrina 2008.

6.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5564/08/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ma japprovax din it-talba minhabba hmieg li jistghu ihallu z-zwiemel.

6.83. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5672/08/I** 01/12/2008 Kwotazzjoni minghand F. Cordina & Sons Ltd. ghall-provvista ta' hadid sabiex ikun jista' jsir ir-railing ta' Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

**46/5682/08/I** 01/12/2008 Kwotazzjoni minghand J M Vassallo Vibro Steel Ltd. ghall-provvista ta' hadid sabiex ikun jista' jsir ir-railing ta' Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

**46/5781/08/I** 04/12/2008 E-Mail minghand Firm Salvatore Caruana fejn infurmaw lill-Kunsill li ma joffrux hadid izda stainless steel li l-prezz ikun hafna aktar.

6.85. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kumpanija Transmec Ltd. ma provdewx kwotazzjoni ghalkemm giet mitluba taghmel dan. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-ispiza tax-xiri tal-hadid tista' titla madwar € 1,600 ghajr iz-zebgha, it-twahhil u xi materjal iehor li jista' jkun hemm bzonn, liema xoghol m'ghandux ikun gholi hafna. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li meta kienu ngabru l-kwotazzjonijiet li kienu jinkludu zewg gradi zghar il-prezzijiet kienu varjaw bejn €12,485 u € 19,824.

6.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5672/08/I, 46/5682/08/I u 46/5781/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' F. Cordina & Sons. Ltd.

6.87. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.88. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5721/08/I** 03/12/2008 E Mail minghand is-Sindku Joe Zammit dwar l-attivitajiet ta' zmien il-Milied.

6.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5721/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5732/08/I** 03/12/2008 Kwotazzjoni minghand Michael Manicolo ghall-provvista ta' fustun tul Triq Normandy ghall-prezz ta' € 1,400 b'wire normali u € 1,600 b'wire water tide.

6.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5732/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sur Manicolo jigi mitlub jipprovdi kwotazzjoni tax-xoghol u l-materjal separatament.

6.91. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5733/08/I** 03/12/2008 Kwotazzjoni minghand Michael Manicolo sabiex tinbidel u ssir gdida d-distribution board tad-dawl ta' Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta u dan ghall-prezz ta' €600.00.

6.93. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5733/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk il-kaxxa li ser issir hija identika ghal dik li ghadha kif giet installata fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill din ghandha tigi accettata.

6.94. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5737/08/I** 03/12/2008 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informa lill-Kunsill li kull safar li jsir ghandu jkun fil-parametri ta' Memo 13/2008.

6.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5737/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-ittra tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

6.97. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.98. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5747/08/I** 03/12/2008 Ittra minghand Luxol Sports Club fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jaghmel sforz u jirrevoka d-decizjoni li ha fejn talab li jigi rifondut lura l-hlas ta' €1,000 sabiex tkun salvagwardjata r-relazzjoni li hemm illum bejn il-Kunsill u l-klabb.

6.99. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5747/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' din l-ittra ghandha tintbaghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

6.100. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.101. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5756/08/I** 03/12/2008 Kwotazzjoni minghand Vincenti Malta ghall-provvista ta' Whiteboard.

**46/5759/08/I** 03/12/2008 Kwotazzjoni minghand Sidonia Enterprises Ltd. ghall-provvista ta' Whiteboard.

**46/5761/08/I** 03/12/2008 Kwotazzjoni minghand CSD Office Supplies ghall-provvista ta' Whiteboard.

**46/5763/08/I** 03/12/2008 Kwotazzjoni minghand RGS Supplies ghall-provvista ta' Whiteboard.

6.102. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5765/08/I, 46/5759/08/I, 46/5761/08/I u 46/5763/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghalissa dan il-white board m'ghandux jinxtara.

6.103. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.104. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kellux kummenti.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-attivita' ghal zmien il-Milied ghandha ssir f'Ta' Cassia Restaurant jew post iehor simili.

8.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li x-xorb alkoholiku, inbid u luminata li jintuzaw mil-Kunsill ghall mumenti socjali matul dawn il-jiem ta' festi ghandhom jinxtraw minghand il-hwienet tal-lokal li matul is-sena jissaportjaw l-attivitajiet li jaghmel il-Kunsill.

8.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.06. il-Kunsill qabel unanimament.

8.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fuq talba tas-Sindku Joe Zammit kienet intalbet kwotazzjoni minghand AF Buongusto Dolceria fejn ghal 150 fancy cake u panini biz-zejt l-prezz kwotat fuq it-telefon kien ta' € 90.27. Il-kelliem qal li ghalkemm intalbet kwotazzjoni bil-miktub din qatt ma waslet.

8.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li kellha kwotazzjoni minghand Simler Confectionary fejn ghall-istess affarijiet kien qed jitlob € 80.36 u ghalhekk ipproponiet li l-Kunsill jaghzel lil din il-kumpanija.

8.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li b'has-sena l-ohra jinghataw zewg fliexken inbid lil kull familja anzjana sabiex jitqassmu fl-attivita' ta' l-anzjani li ser issir nhar it-Tlieta 9 ta' Dicembru 2008.

8.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li r-rigali ghat-tfal ghall-attivita' tal-Milied ghandhom jinxtraw minghand Dallas Toy Shop.

8.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.17. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kartolini tal-Milied u l-kalendarji li ghandhom ikunu lesti fil-jiem li gejjien ghandhom jitqassmu mill-kumpanija 3D.

8.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. L-Organizazzjoni ta' Konferenza ta' l-ECAD fis-sena 2010.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan l-item jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli issekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument D u E)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kifipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-kontijiet gew approvati kollha unanimament ghajr il-kont tas-sur Shawn Farrugia fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava astjena.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li rigward it-twahhil tat-tabelli ta' l-ismijiet tat-toroq, il-maggoranza assoluta tar-residenti ma tawx il-kunsens taghhom sabiex dawn jitwahhlu mal-faccata taghhom.

11.02. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ma jkompliex b'din l-idea.

11.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.05. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-iskrivana Aliso n Micallef kien ghad fadlilhom numru ta' vacation leave.

11.06. Wara diskussjoni li saret il-kelliem ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jinghata cans sa l-ahhar ta' Marzu 2009 sabiex jiehu dan il-leave filwaqt li l-iskrivana Alison Micallef tinghata sa l-ahhar ta' Frar 2009. Is-Sindku Joe Zammit ippropona ukoll li ghas-sena 2009 mhux ser ikun permess li vacation leave jigi mgedded ghas-sena 2010.

11.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.09. Il-Kunsillier Lauro Fava staqsa meta ser isir il-patching fi Triq il-Kurunell Lorenzo Manche'.

11.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-works order kienet harget u x-xogol ghandu jsir meta jippermetti t-temp.

11.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li tinkiteb ittra lill-kuntrattur li qed jibni l-iskola l-gdida sabiex qabel jinhareg il-makkinarju mis-sit tal-kostruzzjoni dan ghandu jitnaddaf sabiex ma jimlix it-toroq kollha hamrija u gebel u dan ukoll skond ir-regoli tal- MEPA.

11.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob laqgha mas-sur Ray Abela ta' TCTC sabiex jigi nfurmat bil-hsara li qed issir fis-sala waqt li jkunu qed isiru l-korsijiet tal-kompjuters.

11.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet ghal installazzjoni ta' punch clock reader.

11.17. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.19. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li vis-a-vis l-investigazzjoni li bhalissa qed issir mill-Pulizija l-Kunsill ghandu jitlob il-parir legali ta' l-avukat dwar jekk il-Kunsill ghandux jerga' johrog is-sejha ta' l-offerti ghat-tindif ta' l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

11.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.22. Il-laqgha ntemmet fil-11.30 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar il-Hamis 18 ta' Dicembru 2008 fis-7.00 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |